MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2006

Numru 889/2004

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)

vs

Alexander Anastasi

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Alexander Anastasi ta' karta ta' identita' numru 684749(m) talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Lulju 2004 u fil-gimghat ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-hanut 'Anastasi Shoe Store' fil-Belt Valletta:

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta'

kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' 360 par karkur tad-ditta NEXT;
2. fl-istess lok u cirkostanzi, ghal qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanufattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew bejgh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahta;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakettar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-artikoli tal-ligi li fuqhom huma bazati l-akkuzi, huma: l-Artikolu 298(1)(f) li jittratta dwar il-qerq fil-kummerc, u l-Artikolu 298B li jittratta ksur tad-drittijiet ta' l-awtur (Kap 9), u l-Artikolu

Issa fil-kaz taht ezami l-fatti li taw lok ghall-akkuzi huma ta' importanza vitali. Dawn juru li l-imputat huwa ko-proprjetarju u ko-gestur ta' hanut adebit ghal bejgh ta' zraben f'Triq San Gwann, l-Belt. In-negozju mhuwiex wiehed recenti izda ilu jigi gestit ghal zmien twil tant li qabel kien tal-missier. L-investigazzjonijiet tal-Pulizija skattaw fuq rapport li sar mill-agent rappresentattiv tal-

marka estera 'NEXT', registrata bhala markju wkoll lokalment, liema rapport kien jirrigwarda bejgh ta' zraben, precisament tip ta' sandli ghall-bahar, mill-hanut de qua, liema sandli huwa allegat kienu foloz fis-sens li kienu qeghdin jigu spaccati bhala sandli tal-marka 'NEXT' meta ma kienux.

Illi ghalhekk l-prosekuzzjoni kellha l-ewwel u qabel kollox tipprova minghajr dubbju dettat mir-raguni li z-zraben ma kienux ta' dik il-marka fil waqt li kienu qeghdin rejalment jinbieghu bhala ta' dik il-marka meta ma kienux. Riedet wkoll tipprova is-scienter tal-imputat f'dan il-bejgh, igifieri li hu xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc iz-zraben in kwistjoni b'marki, sinjali jew emblema imxebbhin b'qerq soggett ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 302.

Illi intant, jirrisulta ndubitat bhala fatt, u daqstant iehor ben pruvat, li l-imputat kien importa tali zraben li gew lilu fatturati bhala tal-marka 'NEXT', u wkoll jirrisulta li hu espona l-istess zraben ghal bejgh. Lanqas m'hemm kuntrast li ghal xi perjodu l-esposizzjoni taz-zraben sar taht il-kappa ta' dan il-markju. Fil-kuntest ta' dan li nghad l-ahhar jirrisulta mill-provi li l-imputat sdogana z-zraben fis-26 ta' Mejju 2004, esponihom ghall-bejgh, u beda ibiegh minnhom mill-ghada.

Illi s-sekwenza li ssucediet in segwitu tirrisulta mill-provi u d-dokumenti in atti f'dan li gej: li fit-18 ta' Gunju ta' dik l-istess sena nkitbet ittra mis-'solicitor' tan-'NEXT GROUP Plc' lill-imputat li fil waqt li irriferiet ghall-bejgh ta' hwejjeg bil-marka 'NEXT' mill-hanut spiegat l-procedura li l-kumpanija kienet tesigi fil-bejgh tal-prodotti taghha minn xi negozju; fis-7 ta' Lulju dejjem tas-sena 2004 l-agent lokali ghamel rapport lill-pulizija wara li f'xi gurnata antecedenti kien xtara par minnhom u baghtu ghall-verifika lill-kumpanija estera; fl-istess jum tas-7 ta' Lulju l-Pulizija wkoll accediet fil hanut u flimkien ma' xi dokumenti elevat 360 par zarbun;

Illi apparti l-kontenut tal-ittra tat-18 ta’ Gunju 2004 jirrisulta li fil-kaz in disamina kien hemm dawk il-karateristici imsemmija fl-Artikolu 302 tal-Kap 9 li estromettew l-element tad-dolo fl-imputat, cjoe’: (i) li huwa ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-Artikolu 298(f) u ma kellux ragun jahseb illi l-marka jew sinjal ma kienux veri meta espona z-zraben ghall-bejh; (ii) li ta t-tghaif kollu lill-Pulizija dwar minn fejn kien gab il-merkanzija; u (iii) li mill-provi jirrisulta li l-imputat mexa bla hazen.

Illi ghalhekk u filli ma jirrisultax is-scienter fl-imputat li minghajru ma jissusistux l-akkuzi qeghdha ghalhekk tiddecidi u tiddisponi mill-kawza billi ssib l-imputat mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------